**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM it-Tlieta, 4 ta' Lulju, 2017**

**Kawża Nru. 8**

**Rik. Nru. 1074/16JRM**

Joseph **CAMILLERI**

vs

Charles **DIMECH** u martu Joyce Dimech

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-25 ta' Novembru, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) tordna lill-imħarrek Charls Dimech sabiex, fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissalu, jiddepożita u jikkonsenja lill-Awtorita' kompetenti ċ-ċertifikati oriġinali tar-reġistrazzjoni ("*log-books*") tat-trakk tal-għamla *Isuzu* bin-numru tar-reġistrazzjoni BAG-289 u tat-trakk l-ieħor tal-għamla *Toyota*

bin-numru tar-reġistrazzjoni EBC-776 b'mod li jibdew formalment isejħu lill-istess imħarrek; (b) tordna lill-imħarrkin miżżewġin Dimech iħallsu l-multi kollha dwar kundanni mogħtijin minn tribunali lokali u kif ukoll il-multi, penali u kundanni amministrattivi li l-imsemmija żewġ vetturi twaħħlu sa minn Marzu tal-2009; (ċ) tordna lill-imħarrkin Dimech jew lil min minnhom biex iħallsu l-liċenzi tat-triq kollha rigward l-imsemmija żewġ vetturi sa mll-31 ta' Ottubru, 1999, jew mis-26 ta' Ottubru, 2006 meta ġew iffirmati l-*log-books* tal-istess vetturi, b'mod li jkun jista' jsir it-trasferiment formali tagħhom; (d) issib li bl-imġiba tagħhom l-imħarrkin ikkawżawlu danni; (e) tillikwida d-danni mġarrbin minnu minħabba l-għemil tal-imħarrkin; (f) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu d-danni hekk likwidati; u (ġ) taħtar kuraturi biex jidhru fuq il-pratiki meħtieġa biex isiru r-reġistrazzjonijiet tat-trasferiment tal-imsemmija vetturi. Talab ukoll l-ispejjez;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Diċembru, 2016, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat li, minkejja li l-imħarrkin miżżewġin Dimech laqgħu n-notifika tal-atti għall-finijiet tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, baqgħu ma ressqux Tweġiba maħlufa fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u b'hekk baqgħu kontumaċi;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Marzu, 2017, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-attur;

Rat ix-xhieda mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2017[1], li bih tat żmien lill-imħarrkin biex iressqu xi sottomissjonijiet li jidhrilhom li għandhom iressqu għall-finijiet tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li la l-attur u lanqas l-imħarrkin ma ressqu sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[1] Paġ. 96 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2017, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża biex xerrej ta' vetturi jirregolarizza t-trasferiment ta' vetturi u jagħmel tajjeb għall-ħlas tad-drittijiet miġmugħa u d-danni. L-attur biegħ żewġ vetturi lill-imħarrek u dan, minbarra li dam ma ħallsu tagħhom, naqas li jirreġistra t-trasferiment tagħhom mal-Awtorita' kompetenti minkejja li ngħata f'idejh il-*log-books* tagħhom. Minbarra dan, minkejja li l-imħarrek kellu fil-pussess tiegħu l-vetturi, ma kienx qiegħed iħallas id-drittijiet ta' kull sena li jitħallsu biex vettura tkun fuq it-triq, minbarra li kien naqas ukoll li jħallas għadd ta' multi amministrattivi. Minħabba li t-trasferiment formali ma sarx, il-multi u t-talbiet għall-ħlas tad-drittijiet baqgħu joħorġu fuq isem l-attur, li issa jrid li l-Qorti tordna lill-imħarrek itemm il-proċeduri għall-qlib fuq ismu tar-reġistrazzjoni taż-żewġ vetturi u li hu u martu jagħmlu tajjeb għall-ħlas tal-multi u kontijiet miġmugħa u li jħallsuh id-danni;

Illi l-imħarrkin ma ressqu l-ebda kontestazzjoni għall-azzjoni attriċi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> joħroġ li l-attur imexxi stabiliment ta' bejgħ ta' vetturi fl-Imsida. F'xi żmien matul l-1999, huwa biegħ lill-imħarrek żewġ vetturi – trakk tal-għamla *Isuzu Elf* reġistrat BAG-289 u trakk tal-għamla *Toyota Dyna* reġistrat EBC-776 – bin-nifs[2];

Illi wara li kien ħallas prezzhom, fis-26 ta' Ottubru, 2006, l-imħarrek iffirma t-trasferimenti taż-żewġ vetturi[3]. Sa dakinhar, fuq iż-żewġ vetturi nġemgħu għadd ta' multi minħabba kontravenzjonijiet u ksur tar-regolamenti tat-traffiku, u kif ukoll minħabba li l-imħarrek qatt ma ħallas jew ġedded il-liċenzi biex il-vetturi setgħu jiġru fit-toroq. Fir-rigward tal-vettura EBC-776, il-liċenza skadiet fil-31 ta' Mejju, 2000[4], u ma reġgħetx iġġeddet, filwaqt li l-liċenza fuq il-vettura BAG-289 skadiet fit-28 ta' Frar, 1998[5] u ma reġgħetx iġġeddet[6];

[2] Xhieda ta' Albert Scerri f'paġ. 88 tal-proċess
[3] Dokti "AS" u "AS1", f'paġġ. 63 – 6 tal-proċess
[4] Dok "JC4", f'paġġ. 55 – 6 tal-proċess
[5] Dok "JC4", f'paġġ. 53 – 4 tal-proċess
[6] Xhieda ta' Stephen Cachia f'paġġ. 93 – 4 tal-proċess

Illi f'Novembru tal-2006[7], l-attur għamel rapport fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi dwar il-fatt li l-imħarrek kien qiegħed isuq iż-żewġ vetturi lilu mibjugħin u dan bla ma kien ġedded il-liċenzi tas-sewqan. L-attur kiteb dwar dan ukoll lill-Kummisarju tal-Pulizija fil-bidu tal-istess xahar[8] u b'ittra oħra għarraf lill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Assikuraturi li kien qiegħed jipprotesta li l-imħarrek seħħlu jikseb assikurazzjoni tal-vetturi minkejja li l-liċenzi ma kinux qegħdin jiġġeddu[9];

Illi fi Frar tal-2007[10] l-attur qabbad avukat biex jgħarraf lid-Direttur tal-Dipartiment tal-Liċenzi tal-vetturi bil-bejgħ tal-vetturi u bagħtilhom il-formoli tat-trasferiment li kien iffirma l-imħarrek ħalli jibgħat għalih biex jiffinalizza t-trasferimenti. Id-Dipartiment ma laqax it-talba tal-attur qabel ma jitħallsu l-multi u l-liċenzi li kienu baqgħu pendenti;

Illi b'kitba li saret fid-9 ta' Marzu, 2009[11], l-imħarrek u martu għarfu li kien hemm somom ta' multi li kellhom jitħallsu dwar l-imsemmija vetturi u ntrabtu li jagħmlu tajjeb għalihom huma;

Illi mill-provi mressqa, jidher li l-multi u kontravenzjonijiet fir-rigward taż-żewġ vetturi nġemgħu bejn Novembru tal-2000 u Mejju tal-2007 (tneħħi każ wieħed ieħor li jidher li seħħ f'Għawdex f'Settembru tal-2014 dwar il-vettura EBC-776)[12];

Illi l-imħarrkin baqgħu ma żammewx kelmthom u l-multi u l-kontijiet baqgħu telgħin sena wara l-oħra. Sa nofs l-2016, kienu nġemgħu b'kemm jammontaw għal ħamest elef ħames mija u tlieta u sittin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€ 5,563.21) f'multi kontravvenzjonali u spejjeż amministrattivi fuq il-vettura reġistrata BAG-289[13], u fl-ammont ta' tmint elef tliet mija u sebgħa u sebgħin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmi (€ 8,377.47) fuq il-vettura reġistrata EBC-776[14];

Illi f'Ottubru tal-2016[15], l-attur ressaq ittra uffiċjali għall-finijiet tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex jinterpellahom iħallsuh is-

[7] Dok "JC2", f'paġġ. 49 – 50 tal-proċess
[8] Dok "AS2", f'paġ. 67 tal-proċess
[9] Dok "AS3", f'paġ. 68 tal-proċess
[10] Dok "JC1", f'paġ. 48 tal-proċess
[11] Dokti "A" u "JC3", f'paġġ. 4 u 51 tal-proċess
[12] Ara Dokti "SC" u "SC1", f'paġġ. 69 sa 82 tal-proċess
[13] Dok "B", f'paġ. 5 tal-proċess
[14] Dok "Ċ", f'paġ. 6 tal-proċess
[15] I.U. 1840/16, Dok "JC5", f'paġġ. 59 – 62 tal-proċess

somma ta' tlettax-il elf disa' mija u erbgħin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€ 13,940.68). Ma ntweriex jekk l-imħarrkin laqgħux in-notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju;

Illi l-attur fetaħ din il-kawża fil-25 ta' Novembru, 2016;

Illi għal dak li jirigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jolqtu l-każ jibda biex jingħad li l-imħarrkin ma ressqu l-ebda kontestazzjoni għall-azzjoni attriċi u lanqas ressqu sottomissjonijiet minkejja li ngħataw l-opportunita' li jagħmlu dan;

Illi l-fatt waħdu li l-imħarrkin waqgħu kontumaċi ma jfissirx li huma ammettew it-talbiet jew li jaqblu mal-pretensjonijiet tal-attur. Dik il-qagħda tfisser li huma ħallew f'idejn din il-Qorti li tqis il-provi mressqa quddiemha fid-dawl tal-liġi li tgħodd għall-każ;

Illi jidher li t-talbiet tal-attur jaqgħu taħt żewġt irjus – l-ewwel waħda tirreferi għall-aspett tal-formalitajiet marbutin mat-trasferiment tal-vetturi; filwaqt li t-tieni waħda tirreferi għall-ħsara li l-attur jgħid li ġarrab minħabba n-nuqqas li jsir l-imsemmi trasferiment;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**aspett tat-trasferiment tal-vetturi**, jibda biex jingħad li ma hemm l-ebda dubju li l-attur biegħ iż-żewġ vetturi lill-imħarrek u li dan għamlu f'xi żmien matul l-1999. Il-bejgħ kien bin-nifs u dan kien ifisser li, minkejja li r-riskju tal-ħaġa għadda f'idejn ix-xerrej sa minn dakinhar li seħħ il-bejgħ u ħa l-vetturi taħt idejh, il-bejjiegħ baqa' sidhom u ma kienx marbut li jittrasferixxi l-istess vetturi sa ma x-xerrej ikun ħallas prezzhom;

Illi l-attur ma ressaq l-ebda prova dwar id-dati u l-ftehim tal-bejgħ taż-żewġ vetturi u x-xhieda turi biss li nħarġu kambjali biex ikopru l-ftehim. Lanqas ma ntwera meta l-imħarrek temm iħallas prezzhom;

Illi jidher li l-imħarrek beda jinqeda bil-vetturi minnufih malli xtrahom u jidher ukoll li l-imsemmija vetturi kienu tal-kumpannija mmexxija mill-attur u reġistrati fuq ismu. Mill-provi mressqa u jekk inhu minnu li l-bejgħ taż-żewġ vetturi sar fl-1999, fil-każ tal-vettura *Isuzu Elf* reġistrata BAG-289, il-liċenza kienet ilha li għalqet mis-sena ta' qabel ma xtraha l-imħarrek;

Illi f'kull każ jidher li bil-liġi s-sid reġistrat ta' vettura jibqa' responsabbli għall-ħlasijiet dovuti għat-tiġdid ta' liċenzi tagħha sakemm jgħarraf lill-Awtorita' kompetenti bit-trasferiment tagħha. Kemm hu hekk, il-liġi tgħid li "*Kull persuna msemmija fuq il-liċenza bħala s-sid jew wieħed mis-sidien, li tkun biegħet jew xort'oħra ttrasferiet il-jedd tagħha fuq il-vettura li għaliha tkun tirriferixxi l-liċenza, għandha tagħti avviż lill-Awtorita' ta' dak il-bejgħ jew trasferiment, u għandha fl-istess ħin tippreżenta l-liċenza sabiex jitniżżlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgħ jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviż ma jiġix mogħti l-liċenza ma tiġix ippreżentata, dik il-persuna, għad li jkun sar dak il-bejgħ jew trasferiment, tibqa' suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bħala sid jew wieħed mis-sidien tal-vettura*"[16];

Illi mill-provi mressqa, ma kienx qabel Frar tal-2007[17] li l-attur għarraf l-ewwel darba lid-Direttur bit-trasferiment tal-vetturi li kien biegħ lill-imħarrek. Minbarra dan, l-imħarrek ma iffirmax it-trasferiment tal-vetturi qabel is-26 ta' Ottubru tal-2006, x'aktarx wara li kien qata' l-ħlas tal-prezz tagħhom;

Illi dan iġib l-effett li l-attur kien baqa' responsabbli quddiem l-Awtorita' kompetenti għall-ħlas tal-liċenzi jew it-tiġdid tagħhom. Mhux hekk biss, imma bil-liġi, bħala "*sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jġedded il-liċenza relattiva għall-imsemmija vettura bil-mutur, bla ħsara għar-responsabbilta' tiegħu għal piena kriminali taħt din l-Ordinanza jew taħt xi liġi oħra, għandu jkun ukoll, u għandu jitqies li dejjem kien, responsabbli ċivilment lejn l-Awtorita' għall-ħlas tal-amont dovut għad-dritt tal-liċenza rilevanti*"[18];

Illi fil-fehma tal-Qorti, sa dakinhar li l-imħarrek iffirma l-formola tat-trasferiment (jiġifieri fis-26 ta' Ottubru, 2006), l-attur baqa' marbut li jerfa' l-piż tal-ħlasijiet tat-tiġdid tal-liċenza, ladarba ma ntweriex li din ir-rabta refagħha l-imħarrek sa minn dakinhar li sar il-bejgħ. Għalhekk, ma jidhirx li safejn l-azzjoni attriċi trid li din ir-rabta tintefa' fuq l-imħarrek hija mistħoqqa. Fuq kollox, minkejja li l-attur jidher li għarraf lid-Dipartiment b'ittra legali li kien seħħ il-bejgħ tal-vetturi, iż-żewġ ċertifikati tat-trasferiment baqgħu f'idejn l-attur, tant li ressaqhom bħala dokumenti

[16] Art. 26 tal-Kap 65
[17] Ara Dok "JC1", f'paġ. 48 tal-proċess
[18] Art. 57(1) tal-Kap 65

oriġinali fl-atti ta' din il-kawża[19]. F'dak il-każ, allura, kien jaqa' fuqu d-dmir li jikkonsenjahom lill-Awtorita' kompetenti u jara li t-trasferiment ikun reġistrat, jekk meħtieġ wara li jħallas il-pendenzi amministrattivi li kienu laħqu nġemgħu minħabba n-nuqqas ta' ħlas tat-tiġdid tal-liċenzi[20];

Illi l-Qorti ma għandhiex dubju li l-attur dawn il-ħwejjeġ kien jafhom u jaf kif imorru, l-aktar meta wieħed iqis li xogħlu kien sewwasew ta' negozjant fil-bejgħ tal-karozzi. Minbarra dan, meta beda jara x'ħobż jiekol l-imħarrek u kif, minkejja l-wegħdi tiegħu, baqa' jitnikker u ma jżommx kellmtu dwar it-twettiq tal-proċeduri tat-trasferiment, l-attur ma mexiex sewwa li ħalla l-affarijiet jaggravaw u ma ħax il-passi effettivi meħtieġa biex jagħlaq il-ġerħa li kien espost għaliha;

Illi jidher li l-fatt lil-imħarrkin għarfu r-rabta tagħhom li jagħmlu tajjeb għall-multi u l-pwieni amministrattivi li nġemgħu jista' jkun ta' xi għajnuna għall-attur, imma mhux li tneħħi minn fuqu r-rabtiet li l-liġi timponi fuq is-sidien reġistrati tal-vetturi u sakemm idumu hekk reġistrati. Dan qiegħed jingħad għaliex fil-kitba tad-9 ta' Marzu tal-2009, l-imħarrkin qablu li jagħmlu tajjeb għall-multi li nġemgħu fuq iż-żewġ vetturi. Imma r-rabta tagħhom ma tmurx lil hinn minn hekk. Minkejja dak li setgħu qalu bil-fomm lill-attur jew lill-awditur tiegħu, ir-rabta tagħhom kienet li jagħmlu tajjeb għall-ħlas tal-multi u mhux li jwettqu l-prattiki meħtieġa biex jifformalizżaw it-trasferiment tal-vetturi. Il-fatt li huma jistqarru li l-multi ma jaħtix għalihom l-attur (kif x'aktarx huwa l-każ, ladarba bosta minnhom jirrigwardaw kontravenzjonijiet li ġraw meta l-vetturi kienu qegħdin fil-pussess tal-imħarrek), ma jibdilx ir-rabta li l-liġi titfa' fuq l-attur fil-konfront mal-awtoritajiet għat-twettiq kif jixraq ta' dak li trid il-liġi;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u bit-tħaddim ta' dak li tiprovdi l-liġi, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attur ma jistax iġiegħel (jew jitlob lill-Qorti ġġiegħel) lill-imħarrkin jew lil min minnhom biex jagħmlu dak li l-liġi tgħid li jmissu jagħmel hu. Għalhekk, l-ewwel talba mhijiex mistħoqqa u mhix se tintlaqa';

Illi għar-rigward tat-**tieni talba**, iżda, jidher li l-kitba tad-9 ta' Marzu, 2009, issejjes it-talba. Li kieku l-imħarrkin ma aċċettawx li jagħmlu tajjeb għall-ħlas tal-multi kif iddikjaraw li sejrin jagħmlu fl-imsemmija kitba, ir-

[19] Dokti "AS" u "AS1", f'paġġ. 63 – 6 tal-proċess
[20] Ara, f'dan ir-rigward, P.A. JZM **18.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Feliċe et vs Anthony Pisani*** (mhix appellata) li kien jirrigwarda każ li jixbah lil dan tal-lum

riżultat ma kienx ikun l-istess għall-attur. Iżda, ladarba bl-imsemmija kitba l-imħarrkin qablu li jagħmlu tajjeb għall-ħlas tagħhom, ġibdu fuqhom rabta li tgħin lill-attur. Dik il-kitba ma kenitx tagħraf bejn multi minħabba kontravenzjonijiet li fihom inqabdu ż-żewġ vetturi meta kienu f'idejn l-imħarrek u l-multi amministrattivi li nġemgħu tul is-snin kollha li l-liċenzi ma tħallsux jew ma ġġeddewx;

Illi jidher li dan ir-raġunament jista' jintuża wkoll fir-rigward tat-**tielet talba** attriċi, għaliex il-kitba tindika li l-imħarrkin kienu qegħdin jintrabtu biex jerfgħu l-piż tal-ħlas tal-multi kollha li kienu nġemgħu sa Novembru tal-2006 u li sa dakinhar kienu jammontaw għal tlitt elef disa' mija u ħamsa u tmenin Lira Maltin (Lm 3,985)[21]. Mela, minkejja li l-kitba saret f'Marzu tal-2009, l-imħarrkin aċċettaw li jagħmlu tajjeb għall-multi kontravenzjonali u amministrattivi kollha imposti fuq iż-żewġ vetturi sa minn meta l-imħarrek kien xtrahom, u mhux biss b'seħħ minn meta huwa iffirma d-dokumenti tat-trasferiment f'Ottubru tal-2006;

Illi dwar dan il-ħlas, jidher li l-attur ipprova jniedi proċeduri taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li, madankollu, ma jidhirx jekk kellhomx xi eżitu favurih;

Illi għalhekk, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu, fid-dawl ta' dak li l-Qorti kellha xi tgħid dwar l-ewwel talba attriċi u mhux bħala kundizzjoni għaliha. Prattikament, dan jista' jfisser li l-attur irid iwettaq il-ħlasijiet tal-multi li nġemgħu u r-reġistrazzjoni formali tat-trasferiment ukoll qabel ma jkun seħħlu jiġbor il-ħlas tagħhom mingħand l-imħarrkin, u mbagħad jaġixxi biex jiġbor dak l-ammont mingħandhom bis-saħħa ta' din is-sentenza;

Illi ladarba l-Qorti mhijiex se tilqa' l-ewwel talba attriċi ma jifdal l-ebda siwi biex tilqa' **s-seba' talba** attriċi, għaliex l-attur jista' u jmissu jwettaq huwa nnifsu l-proċeduri meħtieġa għar-reġistrazzjoni formali tat-trasferiment tal-vetturi bla ma jeħtieġ li jidher ħaddieħor. F'idejh l-attur kellu d-dokumentazzjoni meħtieġa bil-firma tal-imħarrek u dan għadu jista' jinqeda biha biex iġib fi tmiemha din il-ġrajja;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**aspett tal-ħsara mġarrba mill-attur** irid jingħad li f'dan ir-rigward l-attur ma ressaqx provi. Minħabba li t-talbiet

[21] Li jġibu € 9,282.55 fi flus tal-lum

jagħtu ħjiel li huwa qiegħed jitkellem dwar danni akwiljani, ma fisser bl-ebda mod x'kienu l-ħsarat li ġarrab. Ma weriex li d-Dipartiment fittxu għall-ħlasijiet tal-multi li nġemgħu fuq il-vetturi, lanqas ma wera xi sura oħra ta' nefqa li kellu jidħol għaliha sa qabel ma fetaħ din il-kawża. Kemm hu hekk, jidher li, minkejja li jgħid li kien ilu sa mill-2006 jiġri wara l-imħarrek biex ifittex imexxi l-proċedura tat-trasferiment tal-vetturi, kien biss lejn l-aħħar tal-2016 li fetaħ din il-kawża, b'kull riskju li dan iġib miegħu f'każ li l-azzjoni tad-danni setgħet tintlaqat b'xi preskrizzjoni;

Illi, f'kull każ, f'talbiet bħal dawn, jaqa' fuq il-parti li tallega li ġarrbet danni biex turi bi provi tajba biżżejjed x'kienu tali danni. Minbarra dan, il-parti attriċi trid turi wkoll li d-danni ġraw minħabba l-għemil ta' ħaddieħor. Issa, f'dan il-każ, il-Qorti diġa' qieset li l-liġi kienet titfa' fuq l-attur id-dmir li jgħarraf lill-awtoritajiet bit-trasferiment tal-vetturi u jwettaq il-proċeduri l-oħrajn. Jekk dam jew naqas li jagħmel dan, l-attur ma jistax jilminta mid-danni li seta' ġarrab, u lanqas ma jista' jixħet il-ħtija fuq l-imħarrkin. Fi kliem ieħor, ukoll kieku l-attur ressaq xi ħjiel ta' provi li huwa ġarrab danni minħabba n-nuqqas ta' tħaris tal-formalita' tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment, kien joħroġ li dan kollu ikkontribwixxa għalih huwa nnifsu;

Illi, min-naħa l-oħra, jekk id-danni li jirreferi għalihom l-attur fi**r-raba', il-ħames u s-sitt talbiet** tiegħu jirreferu għall-ammonti tal-multi amministrattivi u kontravenzjonali li nġemgħu fuq iż-żewġ vetturi sa minn dakinhar li biegħhom lill-imħarrek, allura joħroġ li dawn it-talbiet saru għalxejn, minħabba li huwa kien talab il-ħlas tagħhom fit-tieni u fit-tielet talbiet tiegħu;

Illi għalhekk ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi mhumiex sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, fil-kontumaċja tal-imħarrkin:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna li l-imħarrkin iħallsu l-multi kollha dwar kundanni mogħtijin minn Tribunali Lokali u kif ukoll pwieni amministrattivi imposti fuq iż-żewġ vetturi mibjugħin lill-imħarrek u dan b'seħħ minn dakinhar tal-bejgħ 'il quddiem;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tordna lill-imħarrkin jirrifondu lil-attur l-ammont ta' liċenzi dovuti dwar l-imsemmija żewġ vetturi b'seħħ mill-31 ta' Ottubru, 1999, u li jridu jitħallsu biex ikun jista' jsir it-trasferiment formali tal-imsemmija vetturi;

**Tiċħad ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi** billi ma tressqux provi dwarhom u mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad is-seba' talba attriċi** billi din hija konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna li** bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-**ispejjeż tal-kawża** jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**4 ta' Lulju, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**4 ta' Lulju, 2017**